MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2008

Appell Civili Numru. 77/1996/2

**Jane armla Cassar, Tony u Mary Charlotte konjugi Cassar,**
**Albert u Anna konjugi Cassar, Richard u Anette konjugi Cassar, Edward u Marielle konjugi Cassar, Henry u Marise konjugi Cassar, Victoria u l-Avukat Dottor David Tonna**
**konjugi Tonna, u Michael u Anna konjugi Murray Curtis**

**v.**

**Dr Michael Grech li b'digriet tad-9 ta' April 1996 gie nominat kuratur deputat biex jirraprezenta lill-assenti**

**John u Brenda konjugi Wayne u b'nota tat-30 ta' Gunju 2004
l-imsemmija Brenda Wayne assumiet l-atti f'isimha u f'isem zewgha John u b'nota tat-30 ta' April, 2007, l-avukat Georgine Grech assumiet l-atti tal-kawza ghan-nom u bhala mandatarja tal-assenti John u Brenda Wayne**

**Il-Qorti:**

1.1. Dan hu appell interpost mill-atturi minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri Generali fil-kawza fl-ismijiet premessi u li giet finalment deciza fl-10 ta' Mejju 2006. Bis-sentenza mertu ta' dana l-appell, l-ewwel Qorti ddecidiet billi cahdet it-talbiet tal-atturi, b'dana li ghal dak li huma l-ispejjez tal-kawza, ordnat li dawn jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet, bl-ispejjez tar-Registru bin-nofs. Kopja intiera ta' din is-sentenza qed tigi annessa ma' l-odjerna sentenza biex tifforma parti integrali minnha.

1.2. Il-kawza tal-atturi kienet impernjata fuq l-*actio reivendicatoria* rigwardanti t-titlu dwar porzjoni ta' immobbli konsistenti f'bicca raba' b'razzett imwaqqa' go fiha, minghajr numru, imsejha "ta' San Publiju" sive "ta' Cikku", kontrada ta' Ghammar, limiti tal-Gharb, Ghawdex, tal-kejl ta' cirka wiehed punt decimali hamsa u tmenin sighan, fi Triq San Publiju.

1.3. Wara li semghet u gharblet il-provi, l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni segwenti;
"Din il-Qorti allura tasal biex tikkonkludi li l-atturi mhux biss huma <u>deficitarji</u> fil-prova pozittiva tal-akkwist minnhom tal-art fl-estensjoni minnhom pretiza, li kkostitwiet il-mertu tal-kawza, imma lanqas mill-fatt negattiv ibbazat fuq xi nuqqas tal-konvenuti li jippruvaw da parti taghhom it-titolu taghhom fuq l-art in meritu u dan fuq dawk il-fatturi determinanti li fil-fehma ta' din il-Qorti jimmiltaw favur il-konferma tat-titolu tal-konvenuti. Dan qieghed jinghad <u>limitatament</u> u in kwantu jikkolpixxi l-ewwel eccezzjoni tal-preskrizzjoni akkwizittiva ai termini tal-artikolu 2140 li palesament ma ssib ebda fondattezza".

**L-Appell tal-Atturi**

2.1. L-atturi hassewhom aggravati b'din is-sentenza u interponew appell minnha li fih talbu li tithassar is-sentenza moghtija bl-ispejjez kontra l-appellati konvenuti.

2.2. L-aggravji tal-atturi jistghu jingabru in-succint kif ser jinghad hawn taht.

(i) Illi s-sentenza appellata hija nulla in kwantu wara l-ghoti tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-25 ta' Jannar 2005, l-atturi qatt ma gew notifikati bl-avviz tar-riappuntament tal-kawza. Minbarra dan, hekk kif huma saru jafu bil-kawza, huma intavolaw rikors quddiem l-ewwel Qorti sabiex in vista tac-cirkostanzi tigi sospiza l-prolazzjoni tas-sentenza. Dan ir-rikors baqa' mhux degretat. Isegwi ghalhekk li l-atturi ma nghatawx smigh xieraq. Inoltre l-appellati pprezentaw nota ta' sottomissjonijiet li qatt ma giet notifikata lilhom. L-ewwel Qorti ghaddiet ghas-sentenza minghajr ma nghatat lilhom l-opportunita` li jiddefendu ruhhom.

(ii) Bla pregudizzju ghas-suespost, fil-meritu, l-atturi ressqu l-aggravji li gejjin:

(a) wara li l-ewwel Qorti qablet mal-konvenuti li dawn setghu jiddefendu kawza simili billi jeccepixxu li ghandhom titlu, b'dan li l-oneru tal-prova jaqa' fuqhom, fil-fatt ma pprocedietx billi jsir tali spostament tal-oneru tal-prova. Bhala fatt, imbaghad, tali prova da parti tal-konvenuti baqghet ma ngabitx.

(b) illi f'kull kaz, u bla pregudizzju, jekk wiehed kellu jara min mill-partijiet ghandu l-ahjar titolu fuq l-immobbli *de quo*, dan zgur kienu tal-atturi u mhux bil-maqlub.

(c) jekk wiehed jara l-atti esebiti u jimxi fuq bazi ta' probabbilita`, il-provi prodotti kellhom indubbjament iwasslu biex it-talbiet atturi jigi milqughin.

**IR-RISPOSTA TAL-KONVENUTI**

3.1. Il-konvenuti appellati wiegbu li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma. Huma jghidu li mill-atti

jirrizulta li l-appellanti Jane Cassar giet notifikata fit-30 ta' Marzu 2005 bl-avviz tal-ewwel dehra tar-riappuntament pero` din l-attrici la dehret u lanqas ma segwiet l-andament tal-kawza. *Se mai* l-aggravju messu kien wiehed *ad hoc* fis-sens li n-notifika li saret ma kenitx proceduralment korretta u timmerita li tigi revokata – haga li ma ghamluhiex. F'kull kaz bir-rikors li huma ipprezentaw, huma gew li rregolarizzaw l-atti bil-konsegwenza li s-sentenza finali nghatat anki wara l-partecipazzjoni min-naha taghhom fil-kawza, *se mai* l-forum kompetenti huwa dak kostituzzjonali.

3.2. Skond l-appellati, l-aggravji fil-mertu huma lkoll infondati. L-ewwel Qorti kellha kull ragun li tiddeciedi li dak li rrizulta mill-kuntratti esebiti u applikabbli ghal din il-vertenza huwa wkoll ikkoroborat minn provi ohra, u li minn dan kollu jirrizulta li "t-titlu taghhom fuq il-proprjeta` in kwistjoni (huwa) ferm izjed minn dawk prodotti mill-atturi. U ghaldaqstant, l-ewwel Qorti kellha inevitabbilment tiddeciedi li hija kienet aktar konvinta mit-titolu tal-konvenuti milli dak tal-atturi".

3.3. Minbarra dan, l-ispejjez taz-zewg istanzi, jigifieri anke dawk tal-ewwel istanza kellhom jithallsu mill-atturi appellanti.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

4. Qabel xejn ikun utli li jigi mistharreg l-ewwel aggravju – wiehed ta' indole legali – li jolqot il-validita` o meno tas-sentenza appellata ghar-ragunijiet moghtijin mill-atturi appellanti.

5. Dawn jilmentaw li wara li nghatat is-sentenza *in parte* mill-Qorti tal-Appell in data tal-25 ta' Jannar 2005, u l-atti gew rinvjati quddiem l-ewwel Qorti, l-atturi ma gewx notifikati bl-avviz ta' riappuntament. Rikors ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza intavolat minnhom qabel l-ghoti tas-sentenza gie njorat billi lanqas gie degretat mill-ewwel Qorti.

6. Din il-Qorti, wara li ezaminat l-atti u hadet kont tar-risposta tal-kontroparti appellata, hija tal-fehma li l-

appellanti – *eccetto* l-appellanti Jane Cassar – ghandhom ragun f'dak li qeghdin jilmentaw minnu dwar nuqqas ta' notifika bir-riappuntament tal-kawza. Fil-fatt, jirrizulta mill-atti li in segwitu tal-ghoti tal-ewwel sentenza *in parte* surreferita, inhareg debitament l-avviz ghas-smigh tal-kawza – ara fol. 1406 tal-process – liema avviz ta' notifika inhareg hekk:

"Lill-attur/attrici Cassar Jane et".

Issa, "a tergo" ta' dan l-avviz hemm imnizzel li gej:- "nikkonferma li innotifikajt dan l-att lil Jane Cassar fit-30/03/05 bil-posta...".

Di piu`, il-"pink card" esebita ma' l-atti tindika <u>biss</u> l-isem tal-attrici Jane Cassar. Issa huwa minnu li originarjament l-att ta' citazzjoni kien jiccita indirizz wiehed ghan-nom tal-atturi kollha imma xorta wahda ma jidhirx u ma jirrizultax li dan l-avviz ghas-smigh emess wara l-ewwel sentenza gie effettivament innotifikat <u>lill-atturi kollha</u>. L-Artikolu 185 tal-Kap. 12 jaghmilha cara li,
"Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-sub-artikoli (1) tal-artikolu 186, meta skrittura ghandha tkun notifikata lil tnejn min-nies jew izjed, ukoll jekk dawn ikunu jghixu flimkien fl-istess indirizz, kull wiehed minnhom ghandu jigi notifikat b'kopja ta' dik l-iskrittura".

7. Ma tirrizulta <u>ebda nota</u> li tindika li xi persuna wahda partikolari kellha tidher u tigi notifikata ghan-nom ta' kulhadd kif jissemma' fl-Artikolu 186(1) tal-istess Kap., u jsegwi ghalhekk li n-notifika li saret kienet wahda monka. Imma hemm izjed minn hekk li johloq preokkupazzjoni lil din il-Qorti dwar mankanzi gravi ta' natura procedurali u dana kif ser jinghad.

8. Fl-ewwel seduta quddiem l-ewwel Qorti, in segwitu tar-rimessa tal-atti tal-kawza (ara verbal in data tat-2 ta' Gunju 2005, fol. 438 tal-process), gie hemm registrat li kienet dehret Dr. Georgine Grech ghall-konvenuti u li kien hemm l-astensjoni tal-magistrat sedenti b'dan li l-kawza thalliet ghat-12 ta' Ottubru 2005. Dakinhar, dehret mill-gdid id-Dottoressa Grech "ghall-konvenut nomine" (sic) filwaqt li "da parte tal-atturi ma deher hadd". Minflok ma

gie accertat jekk effettivament kienx gie notifikat kulhadd jew le, tnizzel *inter alia* dan li gej:
"Tiddeferixxi l-kawza ghas-sentenza ghall-14 ta' Frar 2006 bil-fakolta` lill-partijiet li jekk iridu jaghmlu nota tal-osservazzjonijiet sa l-ahhar ta' Dicembru 2005." (Enfasi mizjud tal-Qorti).

Fit-13 ta' Frar 2006, jigifieri ezattament lejliet li kellha tinghata s-sentenza u ferm wara li kien ghadda z-zmien ghall-fini ta' prezentata tan-noti ta' sottomissjonijiet prefiss mill-ewwel Qorti, il-konvenuti appellati pprezentaw nota ta' sottomissjonijiet estensiva li pero` ma jidhirx li giet notifikata lill-kontroparti u lanqas intalbet xi awtorizzazzjoni biex din tigi ammessa tardivament. Madankollu, s-sentenza ma nghatatx fid-data tal-14 ta' Frar 2006 billi giet differita ghat-8 ta' Marzu 2006 u mill-gdid ghall-10 ta' Mejju 2006 ghas-sentenza. Fil-5 ta' Mejju 2006, jigifieri qabel ma nghatat fil-fatt is-sentenza appellata, l-atturi intavolaw rikors b'talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u li fih jissemma' li,

"ma jirrizultax li l-esponenti gew notifikati bl-avviz tar-riappuntament".

Ghal xi raguni, dan ir-rikors baqa' ma giex degretat u l-ewwel Qorti baqghet, minflok, ghaddejja biex taghti s-sentenza li minnha qed isir l-appell in ezami.

9. Fic-cirkostanzi, din il-Qorti ma jidhrilhiex li tista' tinjora dawn il-mankanzi u taccetta bhala validu dak li sar fil-frattemp. Hija l-fehma taghha li s-sentenza moghtija hija wahda vizzjata u timmerita l-annullament billi tigi revokata. Huwa minnu li l-appellanti Jane Cassar, attrici, kienet giet notifikata validament bl-avviz tar-riappuntament imma certament mhux l-istess jista' jinghad ghall-bqija tal-atturi. Kien hemm izjed minn opportunita` wahda ghall-ewwel Qorti li taghmel il-verifiki opportuni izda kollox jidher li gie sorvolat. Anke r-rikors *in extremis* da parti tal-atturi seta' serva ta' opportunita` lill-ewwel Qorti biex tara li kull naha kellha tassew il-possibilita` li ssegwi l-andament tal-kawza kif titlob il-ligi tal-procedura, izda anke hawn jidher li kien hemm nuqqas serju da parti taghha. L-ewwel Qorti

setghet, li kieku riedet, tichad it-talba ghal fini tas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza imma ma setghetx tiskarta talba simili daqs li kieku ma saritx. Minn barra dan, f'kull kaz ukoll, il-lanjanza l-ohra dwar in-nuqqas ta' notifika bl-avviz tar-riappuntament lill-atturi, ad eccezzjoni ta' Jane Cassar, xorta wahda tibqa' fondata. L-ewwel Qorti naqset in oltre meta fl-istess waqt li ammettiet nota ta' sottomissjonijiet ipprezentata tardivament, ma assiguratx li l-parti avversarja tinghatalha opportunita` li ddahhal risposta ghal tali nota.

10. Ghalhekk, din il-Qorti jidhrilha li l-ewwel aggravju huwa fondat, u dan wahdu huwa sufficjenti biex iwassal ghar-revoka tas-sentenza moghtija. Ghall-istess raguni, lanqas hemm il-htiega li jigu investiti l-bqija tal-aggravji fil-mertu. Diversament jista' jfisser li din il-Qorti tkun qeghda tiftah il-possibbilita` illi jkun hemm xi talba ulterjuri ghal fini ta' ritrattazzjoni mill-parti milquta.

Ghal dawn ir-ragunijiet:

Tiddeciedi billi, filwaqt li tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellanti, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tordna li l-atti tal-kawza ghal darb'ohra jigi rinvjati quddiem l-ewwel Qorti biex jigu mismugha l-provi li fadal u tinghata sentenza skond il-ligi, prevja d-debiti notifiki lill-partijiet kollha involuti skond il-ligi.

Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, ikun opportun li jkun hemm temperament fil-kap tal-ispejjez kif ser jinghad:

(i) kwantu ghall-ispejjez tal-ewwel istanza dawn ghandhom jibqghu riservati ghall-gudizzju finali; u

(ii) kwantu ghall-ispejjez tat-tieni istanza, dawn ghandhom jigu sopportati nofs bin-nofs bejn il-kontendenti, kompriz id-drittijiet tar-Registru.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------